MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 267/2006

**A B**
**vs**
**C D gia B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Gunju 2003, u minn liema ghaqda ma twieldu ebda tfal.

2. Illi l-intimata tat il-kunsens taghha ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, izda ghamlet dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kunsens tal-intimata ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghha u jew b’ anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-intimata li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha eccepiet illi l-esponenti taderixxi ruhha mat-talba tar-rikorrenti u cioe’ illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi sabiex tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, biss pero, ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess A B u mhux lill-esponenti u dan kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza,inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-21 ta’ Gunju 2003 huwa null, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta taderixxi ghal din it-talba, izda ssostni li t-tort kollu huwa ta’ l-attur.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta’ Gunju 2003 meta allura l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta kellha 20 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien ftit circa tlett snin u nofs. Wara konvivenza matrimonjali ta’ sentejn

u nofs il-partijiet isseparaw de facto. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-Qorti tosserva li l-kumplament tal-provi huma kontrastanti.

L-attur li sa minn qabel iz-zwieg kien jahdem bhala furnar, f' hinijiet twal u bikrin ta' filghodu, kien jirritorna d-dar wara li kien iqatta' xi hin fejn iz-ziemel tieghu peress li huwa kellu d-delizzju taz-zwiemel. Huwa jghid li meta kien jirritorna d-dar martu kienet taghmillu x-xenati u kienet ukoll toffendih bil-familja tieghu. Dan il-komprotament kwotidjan ta' martu kien idejjqu hafna, b' mod li kien jisfrattalu l-kumplament tal-gurnata. Jghid li konsegwentement kien hemm zmien meta lanqas kiel wara li kien gie lura d-dar mix-xoghol.

Sussegwentement, wara xi sena mid-data taz-zwieg, l-konvenuta bdiet tissuspetta li hu kellu relazzjoni extra matrimonjali ma' mara li kienet tahdem fl-istess stalel fejn kellu z-ziemel l-attur. Dan is-suspett aggrava mhux bil-ftit l-inkwiet matrimonjali bejniethom, u darba minnhom l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali u marret ghand il-genituri taghha. Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li, ghalkemm sussegwentement il-konvenuta pprovat tirranga s-sitwazzjoni "jiena ma hassejtx illi stajt nafdaha u deherli li kienet ghamlitli hafna hsara mal-familjari tieghi bid-diskors li kienet qaltilhom."[1]

Il-konvenuta minn naha taghha tghid li l-attur kien ingannaha, ghax filwaqt li qabel iz-zwieg huma kienu jitkellmu fuq tfal, wara ftit xhur taz-zwieg huwa kien qallha li ma riedx tfal u kien kategoriku f' dan ir-rigward. Hi tattribwixxi din id-decizjoni ta' l-attur ghad-delizzju li hu kellu taz-zwiemel u li ried iqatta' hafna hin maghhom. Il-konvenuta tilmenta wkoll mill-fatt li, wara xi sena miz-zwieg, l-attur kien beda jkun infidil lejha bir-relazzjoni li kellu mal- mara li kienet tahdem fl-istalel; liema fatt allegat mill-konvenuta, izda dejjem michud mill-attur, kien sors ta' inkwiet qawwi bejn il-partijiet.

[1] Fol.16

Illi din il-Qorti, wara li gharblet il-fatti kif jirrizultaw mill-affidavits prezentati u mix-xhieda mismugha, hija tal-fehma li l-eccezzjoni tal-konvenuta hija fondata fis-sens li bil-mod kif kien igib ruhu maghha l-attur, dana wera nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, u b' mod preciz dwar l-obbligu tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-ben essere reciproku tal-partijiet. Huwa minnu li l-attur kellu hinijet ta' xoghol strambi u twal, izda jidher li huwa kien insensittiv ghall-fatt li l-konvenuta qua martu kellha l-bzonnijiet taghha wkoll, principalment li jkollha l-kumpanija ta' zewgha almenu meta ma kienx ikun xoghol. Jidher li l-attur kien iqatta' hafna hin fejn iz-ziemel u fejn insertat tahdem ukoll it-terza persuna, u, filwaqt li kien jaf li martu kien idejjaqha dan il-fatt, huwa xorta wahda baqa' insensittiv ghal dan u ghamel ta' rasu, nonostante li martu kienet takkuzah li kellu relazzjoni extra matrimonjali. Huwa naturali li martu, f' dawn ic-cirkostanzi tirreagixxi bil-mod kif kienet taghmel, u li fl-apparenza tieghu jista' jitqies bhala komportament abusiv fil-konfront ta' zewgha, izda, fil-fehma tal-Qorti din kienet kollha reazzjoni ghall-insensittiva u ndifferenza li l-attur kien juri fil-konfront ta' martu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti tirravvisa f' dan il-kaz il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 unikament da parti ta' l-attur meta dana ma gharafx li l-konvivenza matrimonjali ghandha tkun diretta lejn il-benessere reciproku, kif ukoll meta wera nuqqas ta' maturita' affettiva fil-konfront ta' martu, bir-rizutlat li dina telqet mid-dar wara biss sentejn u nofs zwieg.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, in kwantu kompatibbli ma' l-eccezzjoni tal-konvenuta, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-21 ta' Gunju 2003. L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------